MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 321/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ian J. Abdilla)**
**Vs**
**Simon Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2006, u fix-xhur u snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, personalment jew bhala direttur, azzjonista, rapprezentant legali jew guridiku, jew segretarju tal-kumpanija Island Turnkey Company Limited (numru ta’ registrazzjoni C32012):

1. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta’ aktar minn mitt lira izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta’ Mary

Bonnici, Lucy Bonnici u Rosaria Bonnici, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

2. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira ghad-dannu ta' Mary Bonnici, Lucy Bonnici u Rosaria Bonnici;

3. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' aktar minn mitt lira izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Sabrina Abela, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

4. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira ghad-dannu ta' Sabrina Abela;

5. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' tmienja w sebghin lira maltin ghad-dannu ta' Frans Scerri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

6. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' tmienja w sebghin lira maltin ghad-dannu ta' Frans Scerri;

7. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' aktar minn mitt lira izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' David Fenech, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

8. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitt lira maltin imma inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' David Fenech;

9. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' aktar minn mitt lira izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Alan Camilleri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

10. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-

ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn mitt lira maltin imma inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Alan Camilleri;

11. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta’ mitejn u hamsin lira maltin ghad-dannu ta’ Alex Vella, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

12. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda’ b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ mitejn u hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Alex Vella;

13. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta’ mitejn u sebghin lira maltin ghad-dannu ta’ Mark Mercieca u Rachael Mercieca, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

14. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda’ b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ mitejn u sebghin lira maltin ghad-dannu ta' Mark Mercieca u Rachael Mercieca;

15. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta’ mitejn u sebghin lira maltin ghad-dannu ta’ Mario Spiteri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

16. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda’ b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ mitejn u sebghin lira maltin ghad-dannu ta' Mario Spiteri;

17. sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Settembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu w illiberatu minn kull imputazzjoni w htija.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-26 ta’ Settembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w ssib lill-appellat hat ital-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu w tinfliggi fuqu l-piena jew pieni skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti ma sabitx htija

fl-appellat minnhabba apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi estensivi li tressqu quddiemha, nonche' l-applikazzjoni w interpretazzjoni zbaljata tal-ligi ghall-fatti pruvati quddiemha. Di fatti rrizulta ampjament li l-appellat gie mhallas depozitu fi flus akkont tax-xoghol li hu kien ser iwettaq; li hu kien accetta w approprja ruhu mill-flus imhallsa lilu fil-forma ta' depozitu akkont u zamm dawn il-flus; li dawn il-flus kienu gew imhallsin lilu w minnu accettati sabiex minnhom isir uzu specifikat fil-kuntratti ffirmati w li, minnkejja dan l-uzu specifikat fil-kuntratti, f' kazijiet minnhom Zammit ma wettaqx l-obbligi tieghu versu l-klienti, ghax *in parte* fejn f' kazijiet minnhom beda x'xoghol, baqa' ma kompliehx u minnkejja dan baqa' ma rrestitwiex lura l-flus imhallsin u *in toto* fejn, f' kazijiet ohrajn, minkejja li kien irceva l-flus, lanqas biss indenja ruhu jibda' x-xoghol u wisq anqas irrifonda lura d-depozitu mhallas lilu. Dawn sehhew mhux biss fil-mument meta gie arrestat kif qalet l-Ewwel Qorti, izda sehhew ukoll fi zmienijiet differenti. Dan gara mhux biss fil-konfront ta' persuni li l-appellat seta' kellu kwistjonijiet ta' natura civili maghhom izda sehhew ukoll ma persuni aggravati li x-xoghol kuntrattat maghhom lanqas biss kien bdieh. Ghalkemm ammetta li kien ried jirritorna xi flejjes lura li kienu gew imhallsa bhala depozitu, ghamel dan tardivament u wara li kien soggett ghall-investigazzjoni. Ghalhekk jirrizulta pruvat ir-reat t' appropriazzjoni indebita.

Illi apparti dan, f' certi kazijiet kien jiffigura wkoll ir-reat ta' frodi b' eghmil qarrieqi. Hlief forsi fil-kaz ta' Sabrina Abela, ma kienx hemm kwistjonijiet ta' natura civili w huwa hadem bi skema qarrieqa billi beda' jgib reklami fuq gurnali, beda' juri li kien affidabbli u jopera tramite kumpanija w jipprezenta kuntratt fuq *letterhead* tal-kumpanija *Island Turnkey Co. Limited* li jaghtih certa kredibilita' w konsistenza; kien jitlob depoziti akkont tas-servizzi bil-"materjal b' kollox" umbaghad, wara li jkun gie iffirmat il-kuntratt, kien jadopera *modus operandi* differenti, billi jew jibda' x-xoghol u jitlob awment fuq id-depozitu u wara ftit jieqaf jirrendi s-servizz jew jircevi d-depozitu w ma jibdiex ix-xoghol. Kien hemm *plot* shih u kontinwu li gie ripetut fil-konfront ta' tmin persuni mill-inqas b' modalitajiet simili u b' rizultat identiku. Dan l-agir mhu xejn hlief *frode*

fis-sens tal-ligi w tal-gurisprudenza kwotata mill-Ewwel Qorti.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-Nota tal-appellat tat-12 ta' Novembru, 2007, li biha, abbazi tad-direttiva ta' din il-Qorti, minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet tieghu, nforma lill-Qorti li fil-mori tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti hu kien hallas lil Alex Vella s-somma ta' LM250 pero' iddikjara li, ghal skopijiet ta' proceduri civili, kien lest li jhallas lil Sabrina Abela LM100, purche' li din tirritornalu l-ghodda li halla fuq il-post taghha w li hi ma rieditx ittih lura; LM78 lil Francis Scerri u LM270 lil Mario Spiteri.

Ikkonsidrat,

Illi l-mertu tal-aggravji tal-appellant Avukat Generali jirrigwarda principalment l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “inter alia” l-Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94]; “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. George Azzopardi “** [14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991]; “**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni w dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dawn il-kriterji li ghandhom jiggwidaw lil din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni japplikaw kemm fil-kazijiet fejn l-

appell ikun qed jigi intavolat mill-persuna misjuba hatja kif ukoll f' appelli intavolati mill-Prosekuzzjoni minn sentenzi ta' liberazzjoni.(ara App. Krim. "**The Police vs. Peter Karl Bargmann et."** [18.10.2007] u ohrajn.)

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' nuqqas ta' htija dwar l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-appellat.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellat fis-17 ta' Settembru, 2002 kien irregistra kumpanija bl-isem Island Turnkey Company Limited, fejn hu kien l-uniku azzjonista w direttur u beda jirreklama xoghol ta' tibdil strutturali jew tiswijiet go bini. Bhala rizultat ta' dawn ir-reklami fil-gazzetti, attira diversi klienti li, wara li ghamlu kuntatt mieghu, ikkommissjonawlu xogholijiet diversi w f' kull kaz, wara li gie ffirmat kuntratt t' appalt, l-appellat irceva diversi somom bhala depozitu akkont tax-xoghol u materjal. Dawn ix-xogholijiet jew inbdew izda qatt ma spiccaw, jew saru imma mhux ghas-sodisfazzjon tal-klient jew addirittura qatt ma bdew u l-appellat jew ghadu jzomm il-flus li kien ireceva sal-lum jew f' xi kazijiet irrifonda lura parti minnhom izda fadallu jirrifondi l-bilanc. Id-Dipartiment tal-Konsumatur kien irceva ilmenti minn diversi klienti tal-appellat u ghadda l-kaz f' idejn il-Pulizija, li, wara li investigaw il-kazijiet diversi, pprocedew b' din il-kawza.

L-appellat fl-istqarrija tieghu tal-24 t' Ottubru, 2006, (fols. 16 sa 18) igib diversi ragunijiet ghala f' xi kazijiet ix-xogholjiet ma sarux, ma inbdewx jew ma tkomplewx u spicca biex ipprometta li fi zmien xahar kellu jhallas lil kullhadd. Sal-lum pero' dan ma wettqux.

Fid-depozzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti (fols. 94 sa 97 tal-process) rega' rrepeta fis-sustanza l-istess versjoni u qal li certu xoghol ma kienx bdieh jew komplieh ghaliex kien taht *house arrest* fuq xi akkuza ohra.

Ikkonsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, wara li ghaddiet in rassenja xi gurisprudenza dwar l-elementi tar-reati in dizamina b' citazzjonijiet kopjuzi, kkonkludiet li fl-agir tal-appellat ma kienux jirraffigraw dawn ir-reati ghaliex fir-rigward tar-reat kontinwat ta' approprjazzjoni indebita ma jirrizultax li l-appellat ghamel xi konversjoni mill-flejjes li kien irceva fis-sens li uza l-flejjes ghal xi attivita' ohra jew sabiex jaghmel xi qliegh ghad-dannu ta' min ghaddielu l-flus u fir-rigward tar-reat kontinwat tat-truffa, ghaliex ma rrizultax li holoq xi intrapriza falza jew xi krediti immaginarji w l-elementi kollha rikjesti mill-ligi fl-artikolu 308 ma jirrizultawx ghax hadd mix-xhieda ma qal li l-appellat kien dahaq bihom fis-sens li hadilhom flus taht xi pretest inveritier. L-appellat kien ghamel negozju ma terzi persuni li ghal "*xi raguni jew ohra, pero' civili, x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u kien ghalhekk li inqalghu il-problemi."*

Bir-rispett din il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti, pero'. Kieku si trattava ta' kaz jew tnejn ezaminati fuq il-mertu taghhom *uti singoli*, forsi wiehed kien jista' jaqbel ma dan l-apprezzament. Jidher li l-Ewwel Qorti x' aktarx li uzat dan il-kriterju biex ivvalutat dak li kien qed jigri w injorat ghal kollox il-*pattern* li jemergi jekk wiehed ihares lejn il-kwadru komplet tal-provi f' dan il-kaz.

Di fatti jemergi bl-aktar mod car li l-appellant kien qed juza "***a system of conduct"*** uniformi u sterjotipata biex, bl-inqas tahbit possibbli, jakkwista somom ta' flus minn ghand diversi nies taht il-pretest li ser jintraprendi xoghol liema xoghol, ghal raguni fazulla jew ohra, jew ma kien jibda xejn jew jibda' w ma jispiccax. Biex aktar jakkwista l-fiducja tal-klienti prospettivi tieghu, kien jopera taht l-isem tal-kumpanija li taghha hu kien l-uniku azzjonista w direttur. Kien umbaghad jipprezenta kuntratti t' appalt lill-klienti tieghu fejn dejjem kien jesigi li jithallas depozitu preventiv li hu kien izomm u minnflok ma juzah biex jixtri l-materjal ghal-progett u mill-bqija jithallas tax-xoghol tieghu, kien ovvjament jikkonverti dawn il-flejjes li hu kien

jircevi ghal skopijiet ohra, tant li "*when it came to the crunch*" u gie mitlub li jirrifondi d-depoziti li kien inkassa, ma kienx f' pozizzjoni li jaghmel dan minkejja li fl-istqarrija ta' aktar minn sena ilu, kien ipprometta w impenja ruhu li jaghmel dan (Fol. 16).

Illi din il-Qorti tara fl-agir tal-appellat ezaminat taht il-perspettiva generali proprju dak li jikkostitwixxi l-element ta' frodi bir-raggieri kontemplata fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, ghaliex l-appellat bil-*modus operandi* tieghu kien qed jinganna lill-klienti potenzjali tieghu billi juri haga b' ohra sabiex igieghel li titwemmen l-ezistenza ta' intrapriza falza w b' hekk jaghmel qliegh ghad-dannu tal-istess klienti tieghu biex umbaghad wara li jircevi flus intizi ghal skop specifikat u cioe' biex iservu ha jinxtara materjal u biex ihallsu parti mix-xoghol tieghu, kien idawwarhom bi profitt ghalih. Dan kien qed jaghmlu b' rizoluzzjoni wahda li tikser l-istess dispozizzjoni tal-ligi, fuq firxa ta' zmien bejn is-snin 2003 u 2006, sakemm gie investigat mill-Pulizija.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tara li f' dan il-kaz hemm ragunijiet altru milli validi biex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti.

Illi mbaghad mill-provi traskritti jirrizulta ukoll pruvat l-addebitu tar-recidiva. Di fatti a fols.73 u 74 kien xehed l-Ispettur Joseph Cordina li kkonferma bil-gurament li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Gunju, 2004, - fejn ukoll kien instab hati tar-reat kontinwat ta' approprijazzjoni indebita ta' flus fdati lilu bl-obbligu li jsir uzu specifikat minnhom minnhabba l-kariga jew servizz tieghu w fejn gie sentenzjat ghal piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghall-erba snin - kienet inghatat fil-konfront tal-istess appellat. Is-sentenzi l-ohra esebiti jidhru li jirriferu ukoll ghall-istess appellat ghax il-konnotati tieghu bhala paternita', maternita' w numru tal-karta tal-identita' jaqblu w dan hu bizzejjed biex tigi stabbilita l-identita' tal-persuna akkuzata b' dan l-addebitu. (Ara App. Krim. **“Il-Pulizija vs Joseph Zahra”** [24.2.2003], **“Il-Pulizija vs Francis Chetcuti”** [12.5.2003] u ohrajn).

Mill-fedina penali aggornata tal-appellat inoltre jirrizulta li, apparti din il-kundanna ghal sentenza ta' prigunerija sospiza, hu kien instab hati ta' tentattiv ta' serq aggravat u ta' serq kwalifikat bil-valur li jeccedi l-Lm1000, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, li ghalihom gie sentenzjat ghal hames xhur prigunerija;  ta' diversi reati kontra l-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kif ukoll ta' reati li ma hallasx ammonti dovuti lill-impjegati tas-socjeta' Island Turnkey Company Limited.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirrevoka s-sentenza appellata w minnflok, wara li rat. L-artikolu 17(h), 18, 49, 50, 293, 294, 308, u 310 tal-Kodici Kriminali, ssib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha ta' reat kontinwat ta' approprizzajoni indebita komprizi fl-imputazzjonijiet numri 1,3,5,7,9,11,13 u 15 kif ukoll tar-reat kontinwat ta' frodi b' eghmil qarrieqi komprizi fl-imputazzjonijieit enumerati 2,4,6,8,10,12 u 14 u tal-addebitu tar-recidiva, b' dan li bejn ir-reati ta' frodi b' eghmil qarrieqi w dawk tar-reati rispettivi ta' approprjazzjoni indebita,  ghall-fini tal-piena, tapplika r-regola tal-assorbiment  ghaliex ir-reati ta' frodi b' eghmil qarrieqi rispettivi servew bhala mezz biex setghu jigu kommessi r-reati ta' approprjazzjoni indebita relattivi, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva  w tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn.

U, wara li rat l-artikolu 28A, 28B, 28C u 28D tal-Kodici Kriminali, tordna lir-Registratur li jibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Awla tal-Magistrat Dr. S.Demicoli) sabiex tittratta mall-appellat skond il-ligi fir-rigward tal-kommissjoni ta' reat li jgib il-piena ta' prigunerija, fil-periodu operattiv ta' erba snin mis-sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza, moghtija minn dik il-Qorti fil-konfront tal-istess appellat fid-9 ta' Gunju, 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------